MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 256/2010

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 6603/09 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**John Abela Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti wara li ppremettiet illi fis-7 ta' Mejju 2001, is-socjeta' esponenti xtrat bicca art maghrufa bhala Ta' Rmiedi gewwa Triq l-Imdina, Attard.

Illi l-Kummisarju tat-Taxxi Interni inkariga perit sabiex jaghmel stima fuq l-imsemmija art, liema perit iddikjara li l-imsemmija art tiswa somma ta' 20,964.36 Euros aktar milli

kienet inxtrat mis-socjeta' esponenti, u ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2004 talab il-hlas ta' 1,048.22 Euros bhala taxxa u l-ammont ta' 2,096.44 Euros bhala Taxxa Addizzjonijali/ Penali, hekk kif jidher fuq l-istess ittra.

Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna kontra s-socjeta' esponenti hjia preskritta ai termini ta' artikolu 18 ta' Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta esponenti qatt ma giet notifikata ai termini ta' l-artikoli 54 u 61 ta' Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li n-notifika tal-ittra ufficjali odjerna kif ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess ittra ufficjali, ma gewx notifikati lis-socjeta' esponenti fl-indirizz ta' registrazjzoni, tan-negozju jew privat taghha jew gie mghoddi lil xi persuna nkarigata sabiex tircievi l-posta jew l-ittra ufficjali tas-socjeta' esponenti, u ghaldaqstant is-socjeta esponenti qatt ma kellha l-opportunita li toggezzjona permezz ta' Appell mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talba hija eccessiva, stante li l-valur iddikjarat ghal proprjeta mixtrija fis-7 ta' Mejju 2001 mis-socjeta' esponenti kien valur veritier u gust u dan hekk kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Talbet umilment ghar-ragunijiet premessi sabiex tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Kummissarju ntimat.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-15 ta' Lulju 2010 (fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-intimat (fol 11 ibid) u li biha qieghed icedi l-pretensjoni tieghu fl-Ittra Ufficjali numru 6603/2009 fl-

ismijiet premessi stante l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mir-rikorrent.

Illi ghalhekk, il-mertu ta' dan ir-rikors huwa ezawrit.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess u li minnu jirrisulta illi l-intimat ammetta, li ghandu jhallas l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu ta' dan ir-rikors, tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas l-ispejjes kollha ta' din il-procedura lill-istess socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------